MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 905/2009

**Nikolina Formosa, Alison Sant'Angelo u Darren Emanuel Formosa**

**Vs**

**Kevin Ellul u b'digriet tas-16 ta' Frar 2010 il-qorti awtorizzat lil Middle Sea Insurance plc sabiex tintervjeni fil-kawza**

Il-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' Jannar 2008 ghal habta tas-sitta ta' filghodu gewwa Triq Dun Rumblat, Mosta. Dakinhar il-vittma kien qieghed jigri. Fil-hin

tal-incident kienet ghaddejja l-vettura misjuqa minn Kevin Ellul. Ma jirrizultax li kien hemm xi nies li raw l-incident. F'din il-kawza l-atturi, werrieta tal-vittma, talbu lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident tat-traffiku.
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni li jigu likwidati.

Il-konvenut hu kontumaci. Ghalkemm kien ipprova jiggustifika n-nuqqas tieghu li jipprezenta twegiba guramentata, b'decizjoni li nghatat fl-1 ta' Frar 2011 (fol. 34) il-qorti cahdet it-talba.

Middle Sea Insurance plc hi l-kumpannija assiguratrici tal-vettura li kien qieghed isuq Kevin Ellul u qeghda ssosnti li (fol. 19):

1. L-atturi jridu jaghtu prova li huma werrieta ta' Emanuel Formosa.
2. L-atturi ghandhom jaghtu prova dwar ir-responsabbilta' tal-konvenut;
3. L-atturi ghandhom jaghtu prova dwar id-danni;

Il-qorti rat l-atti.

**Responsabbilta'**.

Jirrizulta kif Ellul kien qieghed isuq il-vettura Daihatsu KVN 222 sejjer lura lejn id-dar li tinsab il-Mosta. Hu kien qieghed isuq mid-direzzjoni ta' H'Attard. Min-naha l-ohra Emanuel Formosa kien qieghed jigri mid-direzzjoni tal-Mosta lejn H'Attard, liebes hwejjeg skuri. Jidher li fil-hin li sehh l-incident kien ghadu d-dlam.

Il-vettura KVN 222 sofriet hsara fuq quddiem, in-naha tax-xufier. Bl-impatt inkisret ukoll il-windscreen.

Hu evidenti li l-vittma ttajjar minn din il-vettura u spicca f'ghalqa. Il-konvenut qal:

*"Kont miexi dritt u kont f'sikti u lanqas hassejtni bi nghas u kont f'sitwazzjoni li nsuq.* ***F'dak il-mument ta' l-impatt gara vera malajr u lanqas naf x'gara****. Hin minnhom smajt hoss kbir u hassejt il-hgieg gej fuqi u fl-istess hin gie l-inner panel tal-pilastru lejja izda baqa*

*mdendel. Mal-mument ta' l-impatt kelli reazzjoni li gbidt l-isteering lejn il-lemin u lejn ix-xellug u ergajt gejt fil-lane tieghi kif kont."* (stqarrija li ta lill-pulizja – fol. 54).

Meta xehed quddiem l-Assistant Gudizzjarju, seduta tad-9 ta' Lulju 2012, spjega li kien hareg bil-lejl ghal habta tad-9.30 u li ghal habta tal-5.30 ta' filghodu wassal lill-gharusa d-dar, il-Fgura. Qal:

*"Meta sehh l-impatt jiena ma rajt xejn. Li gara kien hemm impatt, hoss kbir. Dak il-hin mill-ewwel xxaqqaqli l-windscreen u gew hafna bicciet fuqi u ma kellix vizjoni tajba. U kif wkoll tghawwget panel tal-karozza u giet quddiemi. Dak il-hin nikkalkola li kont ghaddej bi speed ta' xi 50km fis-siegha. Bhala reazzjoni awtomatika sswervjajt min-naha ghall-ohra, left to right u slowjajt il-karozza sakemm waqaft bil-mod. Jigifieri break ma kienx hemm ghax qatt ma rajt xejn jiena. Dak il-hin waqaft. Ghamilt u-turn bil-mod. Ergajt dort halli nara x'kien gara ghax ma kellix idea. U ma rajt xejn. Dak il-hin fi stat ta' xokk bqajt insuq ftit sat-tarf tat-triq. Waqaft. Inzilt mill-karozza u nnutajt il-hsarat li kelli mill-impatt u accetajt ruhi li xi haga kien gara. Pero ma stajtx nispjega"* (fol. 114B).

Fil-fehma tal-qorti:

i. Hu evidenti li dan kien kaz fejn il-vettura KVN 222 qasmet il-karreggata tat-triq u marret fuq in-naha l-ohra tat-triq minn fejn sfortunatament inzerta kien ghaddej il-vittma. Mir-ritratt numru 1 (ara rapport mediku ta' Dr Mario Scerri), il-marki fl-art li saru mill-investigaturi juru bic-car fejn sehh l-incident. Il-marki jidentifikaw bicciet mill-vettura tal-konvenut Ellul li nstabu fil-post tal-incident. Hekk per ezempju fejn hemm il-marki bin-numru 1, 2 u 3 jidher hgieg (ara ritratti a fol. 99 u 100). Hu evidenti li dan hu l-post fejn ittajjar Emanuel Formosa, u dan 'il fatt hu prova fih innifsu ta' kif il-vettura KVN 222 marret in-naha l-ohra tat-triq minn fejn kien ghaddej Formosa.

ii. Hu veru li Formosa kien liebes hwejjeg skuri. Il-pedestrians ghandhom obbligu li jiehdu hsieb taghhom infushom. Madankollu fil-fehma tal-qorti dan 'il fatt ma kellux x'jaqsam mal-kawza prossima tal-incident. Il-vittma ttajjar mhux ghaliex ma kienx liebes hwejjeg cari, izda minhabba t-traskuragni u agir irresponsabbli tal-konvenut. Hu evidenti li Ellul tilef il-kontroll tal-vettura u mar fuq in-naha l-ohra tat-triq. Il-konvenut stess qal li ma ra xejn u **ma jafx gara**. Fil-mumenti qabel sehh l-incident gara xi haga li wassal sabiex Ellul tilef il-kontroll tal-vettura. Il-kulur tal-hwejjeg ma kienx ser isalva lill-vittma li kien qieghed jigri ghall-affari tieghu. Ghalkemm il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proceduri li ttiehdu kontra l-konvenut, osservat li *"... seta', kieku l-vittma kien liebes kif ezortat fil-Kodici tat-Triq, jattira l-attenzjoni ta' l-appellantl-appellat ghall-presenza tieghu? L-ewwel Qorti u l-perit tekniku dehrilhom li seta'. Din il-Qorti ma tistax teskludi a priori tali possibilita', almenu in poca misura"* (fol. 135). Hu evidenti li dik il-qorti tat lil Ellul

il-beneficcju tad-dubju. Din il-qorti m'hijiex tal-istess fehma. Mill-provi jirrizulta minghajr dubju li l-vittma sab il-vettura fuqu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali tidher li qablet mal-ewwel qorti li l-incident sehh minhabba nuqqas ta' attenzjoni momentanju fis-sewqan. Incident bhal dan in ezami isehh f'daqqa. Disattenzjoni li jidher li spiccat mal-impatt, meta Ellul jidher li gie f'sensieh.

Il-konvenut ma ta l-ebda raguni valida ghalfejn il-vettura tieghu spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq. L-oneru tal-prova kien fuqu. Jidher li meta xehed quddiem Mario Buttigieg, l-espert tat-traffiku nominat mill-Magistrat Inkwirenti, qal: *"Nghid li jiena kont qed insuq fil-karregjata tieghi pero' fin-nofs. Jien swervjajt lejn il-lemin ghax kont wasalt fuq in-naha l-ohra tal-karregjata* ***pero ma nafx kif spiccajt fuq il-karregjata l-ohra****"* (fol. 88). Meta xehed quddiem l-Assistant Gudizzjarju ma semma xejn dwar x'wassal sabiex il-vettura tieghu tispicca fuq in-naha l-ohra tat-triq (seduti tad-9 ta' Lulju 2012, 14 ta' Dicembru 2012 u 16 ta' April 2013). Fl-istqarrija qal li ma jafx x'gara. Kliem li fih innifsu jikkonferma kemm, tort tal-konvenut, il-vittma qatt ma kellu cans. Kien id-dmir tal-konvenut li jaghti spjegazzjoni ta' x'wassal sabiex il-vettura tieghu tispicca fuq in-naha l-ohra tat-triq. Dan m'ghamlux u jrid igorr ir-responsabbilta'.

iii. Il-qorti lanqas ma tikkonkludi li l-vittma kellu xi tort minhabba li mid-direzzjoni minn fejn kien gej ma kienx qieghed jigri fuq in-naha tal-lemin tat-triq (ara Highway Code – *rule 2*). Hu desiderabbli li jsir hekk sabiex il-pedestrian dejjem ikollu vizwali ta' *oncoming traffic*, u ma jkunx hemm traffiku gej minn warajh. Pero' f'dan il-kaz il-vittma ma ttajjarx minn vettura li giet minn warajh, izda vettura li giet mill-faccata. Ghalhekk dan 'il fatt m'ghandu l-ebda rilevanza.

iv. Ghalkemm jista' jkun li dik il-parti fejn sehh l-incident kienet mudlama u f'dan ir-rigward il-konvenut ipprezenta *videoclip*, il-vettura tal-konvenut suppost kellha d-dawl mixghul. Mhux kull triq f'Malta ghandha d-dawl artificjali. F'dawk ic-cirkostanzi xufier ta' vettura jrid ikun iktar attent fis-sewqan. Il-filmat li pprezenta l-konvenut biex juri li fejn sehh l-incident kien mudlam, ma jistax iservi biex jipprova jahrab ir-responsabbilta' ghall-incident li fih tilef hajtu Emanuel Formosa.

Il-qorti tikkonkludi li r-responsabbilta' ghal dan l-incident hi tal-konvenut Ellul u m'hemmx htija kontributorja min-naha tal-vittma.

**Likwidazzjoni tad-danni**.

Fid-data tal-incident, Emanuel Formosa kellu 59 sena[1]. Jidher li kien ragel b'sahhtu u attiv u dilettant ta' *long distance running* (ara affidavits u dokumenti a fol. 48).

Skond il-kopja tal-formola tat-taxxa tal-qliegh (fol. 60-68):

2005 iddikjara qliegh ta' Lm5,687;

2006 iddikjara qliegh ta' Lm6,254;

2007 iddikjara qliegh ta' Lm6,865;

Jidher li l-vittma kien *self-employed*. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi qalu:

*".... hija u zewgha kienu ghamlu zmien l-Awstralja u konsegwentement kien se jkun intitolat ghall-pensjoni. Il-pensjoni li kien ser jircievi wkoll mill-Awstralja kienet se tkun ekwivalenti ghal dik li taghha meta lahqet l-eta'"*.

Fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2012 il-qorti ddikjarat li *"tqis il-provi ta' l-atturi maghluqa"* (fol. 112). Dan wara li rat il-verbal tat-13 ta' Frar 2012 u s-seduti li saru quddiem l-Assistent Gudizzjarju. Kien biss waqt seduta li saret quddiem l-Assistant Gudizzjarju fil-15 ta' Mejju 2013 li l-atturi pprezentaw affidavits li jirreferu ghall-pensjoni li jghidu li l-vittma kien ikun intitolat ghaliha kieku baqa' haj. Dan m'huwiex il-mod kif isiru l-affarijiet. Hu fl-interess ta' parti li tizgura li l-provi tressaqhom fl-istadju tal-provi taghha. Il-qorti m'hijiex qeghda hawn sabiex taghmel tajjeb ghal nuqqas ta' parti.

F'kull kaz dak li nghad dwar il-pensjoni Awstraljana m'huwiex prova sodisfacenti. Fil-fehma tal-qorti l-atturi kellhom dmir iressqu l-ahjar prova, ghallinqas dokumentarja, minghand il-Gvern Awstraljan dwar jekk il-vittma:-

- kienx intitolata li jircievi pensjoni;
- fl-affermattiv minn liema eta';
- il-hlas li kien ikun intitolat ghalih;

Ghal dak li jikkoncerna l-pretensjoni tal-atturi ghall-hlas ta' pensjoni li qalu li l-vittma kienet tkun intitolata ghaliha hekk kif jaghlaq 61 sena, il-qorti qeghda tifhem li qeghdin jirreferu

[1] Twieled fis-26 ta' Dicembru 1948 (ara dokument a fol. 58).

ghall-pensjoni kontributorja. Wahda mill-kondizzjonijiet sabiex tithallas din il-pensjoni hi li tkun thallset il-bolla ghall-perjodu ta' snin. L-atturi ma ressqux lir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali sabiex jixhed:

i. X'bolol thallsu matul is-snin minn Emmanuel Formosa;
ii. Xi hlas seta' kien intitolat ghalih meta jaghlaq 61 sena;
iii. Xi hlas Nikolina Formosa giet intitolata ghalih bil-mewt ta' zewgha (Pensjoni tar-Romol), li wara kollox huwa dhul li bdiet tircievi minn meta miet zewgha;

Inoltre, l-kalkoli jsiru fuq il-qliegh li persuna jkollha fiz-zmien li fih isehh l-incident.

Ghal dak li jikkoncerna multiplier, l-atturi pproponew perjodu ta' 15 il-sena. Il-qorti ser taddotta perjodu ta' 11 il-sena. Mill-provi hu evidenti li l-vittma kien ragel attiv u habbrieki. Kien ukoll sportiv u jahdem ghal rasu. M'hemm xejn barra min-normal li persuna li tahdem ghal rasha tibqa' tahdem sakemm tatiha s-sahha sabiex b'hekk tibqa' attiva u zzomm *standard of living* tajjeb ghaliha u l-familja. Lanqas m'hemm xi indizji li l-vittma kien ibati minn xi mard kroniku. Dan apparti li mill-provi ma rrizultax li n-natura tax-xoghol tieghu kien ta' strapazz fiziku u li kien ser ikun difficli ghalih li jkompli jahdem wara li jilhaq certu eta'.

Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq qliegh annwali ta' €17,000.

Il-kumpannija intervenuta fil-kawza semmiet ukoll li l-atturi jridu jaghtu prova li huma l-werrieta tal-vittma. Mill-provi ma rrizultax jekk Emanuel Formosa kienx ghamel testment jew le. Madankollu rrizulta li l-attrici Nikolina Formosa hi mart il-vittma. Il-qorti tifhem li kienet dipendenti fuq zewgha u bhala tali ghandha jedd li tirreklama d-danni minghand il-konvenut.

Fic-cirkostanzi qeghda tillikwida d-danni b'dan il-mod:

€17,000 x 11 = €187,000 – 33% (*dependency*) - 25% (*own consumption*) - 10% (tnaqqis ta' *lump sum payment*) [2] = **erbgha u tmenin elf hames mija u sebghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€84,570.75)**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:**

---

[2] L-incident sehh fl-20 ta' Jannar 2008 u l-kawza kienet prezentata fit-22 ta' Settembru 2009. Ghalhekk kwazi ghaddew 5 snin minn meta giet proposta l-kawza.

1. **Tiddikjara li l-konvenut Kevin Ellul huwa unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' Jannar 2008 gewwa Triq Dun Rumblat, Mosta li fih ittajjar u miet Emmanuel Formosa.**
2. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' erbgha u tmenin elf hames mija u sebghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€84,570.75)**.
3. **Tikkundanna lil Kevin Ellul ihallas lill-atturi s-somma ta' erbgha u tmenin elf hames mija u sebghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€84,570.75)**.

**Bl-imghax mil-lum. Spejjez a karigu ta' Kevin Ellul. L-intervenuta taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------